MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 923/2011

**Smash Communications Limited**
**C 16065**

**vs**

**Roberto Pirrone (I.D. 92780 M) u**
**Virgilio Pirrone (I.D. 341051 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-intimati, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-istess attrici s-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€ 2,500) rapprezentanti ammont dovut mill-intimati, jew min minnhom, in konnessjoni ma' servizzi rezi mis-socjeta' attrici skond il-ftehim datat 2 ta' Frar, 2010 u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghax mid-data minn meta l-ammont kien dovut sad-data tal-effettiv pagament..

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-nota ta' riduzzjoni datata 27 ta' Jannar, 2012, ipprezentata mis-socjeta' attrici.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf seba' mija u hamsin Ewro (€1,750.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------